# FIL-QORTI CIVILI

## (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta 4 ta' Frar 2020**

**Rikors nru: 132/19 AGV**

AB (37171M)

Vs

CB (52170M)

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent pprezentat fis-16 ta' Ottubru 2019, minn AB, li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Illi dar-rikors huwa rikors ai termini tal-artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta permezz ta' liema r-rikorrenti qed titlob bir-rispett lil dina l-Qorti

sabiex tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-partijiet;

2. Illi dit-talba tista' ssir minn kull parti u f' kull zmien matul is-smiegh tal-kawza tal-firda u dan skont ma jipprovdi l-artikolu 55(1) tal-Kapitolu 16;
3. Illi ma hemm xejn li ghandu jwaqqaf lil dina l-Onorabbli Qorti milli tordna l-waqfien tal-kommunjoni li tezisti bejn il-partijiet f' dal-istadju;
4. Illi hadd mil-partijiet ma huwa ser ibati pregudizzju u dana peress li l-partijiet llum jghixu hajja separata;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti jitlob bir-rispett lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex joghgobha;

1. Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti li tezisti bejn il-mizzewwgin A u CB u dana peress ta' sentenza ai termini tal-artikolu 55 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tordna li dis-sentenza tigi notifikata lid-direttur tar-registru Pubbliku, ai termini tal-artikolu 55 (5) u li din l-ordni ghandha jkollha effett daqs li kieku l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti saret b' att pubbliku ai terminu tal-artiklu 55 (5).

**Rat ir-risposta ta' CB datata 3 ta' Frar 2020, ghal rikors li gie pprezentat mir-rikorrenti;**

L-esponenti jaqbel li dina il-Qorti, ghandha tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti, b' dana li ghandhom jibqu salvi u impregudikati id-drittijiet kollha tal-esponenti, fuq id-dar taz-zwieg, partikolarment dawk taht l-artikolu 3 A tal-Kodici Civili, kif ukoll is-

drittijiet kollha tal-esponent, fuq l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti sal-gudizzju finali ta' din il-kawza.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet lill-partijiet.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-attrici ressqet talba permezz ta' rikors fejn, ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta. Peress illi m'hemmx oggezzjoni ghall-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, il-Qorti tifhem li dan mhuwiex ser johloq pregudizzju mhux proporzjonat ghal parti jew ghal ohra. Huwa importanti li l-partijiet jifhmu li tali ordni ma tillikwidax il-komunjoni, izda tiddikjara stat ta' fatt gdid bejn il-partijiet, billi issa kull parti tis]ta' tixtri u takkwista proprjeta' f'isimha minghajr ma din tifforma parti mill-komunjoni gia' ezistenti bejniethom. Il-proprjeta' li sa llum tifforma parti mill-komunjoni tibqa' hekk mhux likwidata, sa ma tinghata s-sentenza finali. Ghalhekk, il-Qorti tista' tilqa' t-talbiet attrici f'dan l-istadju, b'rizerva ghall-ispejjez.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti taqta' u tiddeciedi dan ir-rikors billi:-

1. Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tordna minnufih l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti u dana ai termini tal-Artikolu 55 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Tilqa' t-tieni talba tar-rikorrenti, b'dan li fi zmien ghaxart ijiem l-istess Direttur tar-Registru Pubbliku ghandu jirregistra l-istess ordni moghtija f'dina s-sentenza.

Spejjez riservati ghall-gudizzju finali.

**Antonio G Vella**
**Imhallef**

**Concetta Gauci**
**Deputat Registratur**